



Brussell, 1 ta' Ottubru 2020  
(OR. en)

11158/20

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2020/0270(NLE)

---

COEST 183  
WTO 207

## PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	24 ta' Settembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 584 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunitat ta' Šhubja stabbilit mill-Ftehim ta' Šhubja Komprensiv u Msahħha bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 584 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 584 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 24.9.2020  
COM(2020) 584 final

2020/0270 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA**

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħħa l-oħra (“il-Ftehim”), b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li temenda l-lista ta' individwi li jservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.

### **2. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **2.1. Il-Ftehim**

Il-Ftehim għandu l-għan li jespandi l-kooperazzjoni bilaterali wiesha f'oqsma ekonomiċi, kummerċjali u politiċi, u fil-politiki settorjali, filwaqt li b'hekk jipprovd bażi fit-tul għall-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja. Billi jsahħħah id-djalogu politiku u jtejjeb il-kooperazzjoni f'firxa wiesha ta' oqsma, il-Ftehim iħejji l-pedamenti għal impenn bilaterali aktar effettiv mal-Armenja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 approvat l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim skont l-Artikolu 385 tal-Ftehim. Il-Ftehim huwa applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Ġunju 2018.

#### **2.2. Il-Kumitat ta' Sħubija**

Il-Kumitat ta' Sħubija li jiltaqa' f'konfigurazzjoni spċifika biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha marbuta mat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) tal-Ftehim huwa spċifikat fl-Artikolu 363(7) tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 363(1) u (6) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Sħubija jassisti lill-Kunsill ta' Sħubija fit-twettiq tad-dmirijiet u l-funzjonijiet tiegħi. Huwa għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet f'dawk l-oqsma li huma soġġetti għad-delega tas-setgħat mogħtija lilu mill-Kunsill ta' Sħubija u fil-każijiet previsti fil-Ftehim. Dawn id-deċiżjonijiet huma vinkolanti fuq il-Partijiet tal-Ftehim, li għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimplimentawhom.

#### **2.3. L-att previst tal-Kumitat ta' Sħubija**

Il-proċedura ta' arbitraġġ stabbilita fil-Kapitolu 13 tat-Titolu VI tal-Ftehim tistipula li meta l-Partijiet jonqsu milli jsolvu tilwima permezz ta' konsultazzjonijiet, il-Parti li tkun talbet il-konsultazzjoni tista' titlob it-twaqqif ta' bord ta' arbitraġġ. L-Artikolu 339(1) tal-Ftehim jesīġi li l-Kumitat ta' Sħubija jistabbilixxi, fuq il-bażi ta' proposti magħmula mill-Partijiet, lista ta' mill-inqas 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublista: sublista għal kull Parti u sublista ta' individwi li ma jkunu ċittadini tal-ebda Parti u li għandhom iservu bħala president tal-bord ta' arbitraġġ. Kull sublista għandha tinkludi mill-inqas ġumes individwi. Il-Kumitat ta' Sħubija għandu jassigura li l-lista tinżamm dejjem f'dan il-livell.

L-arbitri u l-presidenti proposti mill-Unjoni u mir-Repubblika tal-Armenja jrid ikollhom għarfien espert speċjali fid-dritt, fil-kummerċ internazzjonal u fi kwistjonijiet oħra li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tal-Ftehim u jissodisfaw ir-rekwiżit ta' indipendenza kif spifikat fl-Artikolu 339(2) tal-Ftehim.

Fuq din il-bażi, il-lista ta' arbitri ġiet stabbilita bid-deċiżjoni adottata mill-Kumitat ta' Sħubija fil-Konfigurazzjoni tal-Kummerċ fis-17 ta' Ottubru 2019. Madankollu, wieħed mill-ħames

arbitri kandidati mir-Repubblika tal-Armenja ma għadux jissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza kif spċifikat fl-Artikolu 339(2) tal-Ftehim.

Ir-Repubblika tal-Armenja pproponiet arbitru kandidat ġdid li għandu għarfien espert spċjali fid-dritt, fil-kummerċ internazzjonali u fi kwistjonijiet oħra li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tal-Ftehim u huwa mistenni li jissodisfa r-rekwiżit ta' indipendenza kif spċifikat fl-Artikolu 339(2) tal-Ftehim.

Għaldaqstant, l-iskop tal-att previst huwa li jiddefinixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni rigward l-adozzjoni mill-Kumitat ta' Sħubija ta' deċiżjoni li tīgħi emedata l-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim, billi jiġi sostitwit l-individwu fost il-ħames arbitri kandidati mir-Repubblika tal-Armenja li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 339(2) tal-Ftehim bil-kandidat ġdid propost mir-Repubblika tal-Armenja.

### **3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

Il-pożizzjoni li għandha tīgħi adottata f'isem l-Unjoni għandha 1-għan li temenda l-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri fil-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.

### **4. BAŻI ĠURIDIKA**

#### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

##### *4.1.1. Princípjji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*”.

##### *4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kumitat ta' Sħubija huwa korp stabbilit permezz tal-Ftehim. Id-deċiżjoni li għandha tīgħi adottata mill-Kumitat ta' Sħubija tkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 363(6) tal-Ftehim. L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

#### **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

##### *4.2.1. Princípjji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni.

##### *4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-iżgurar tal-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4).

#### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

Proposta għal

**DEĊIJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msahħħah bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msahħħah bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħħa l-oħra<sup>1</sup> ("il-Ftehim") ġie ffirmat f'isem l-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104<sup>2</sup> u ġie applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Ġunju 2018.
- (2) Skont l-Artikolu 339(1) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Sħubija stabbilixxa lista ta' 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri ("il-lista ta' arbitri") waqt il-laqgħa tiegħi fis-17 ta' Ottubru 2019.
- (3) L-Armenja infurmat lill-Unjoni li wieħed mill-arbitri li kienet ipproponiet ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 339(2) tal-Ftehim u, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi sostitwit.
- (4) Sabiex jiżgura l-operazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikati proviżorjament tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Sħubija jrid jadotta deċiżjoni biex jemenda l-lista ta' arbitri.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Sħubija billi l-abbozz tad-deċiżjoni sejkun vinkolanti għall-Unjoni,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Sħubija tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msahħħah bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħħa l-oħra, fir-rigward tal-emenda tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri,

<sup>1</sup> ĠU L 23, 26.1.2018, p. 4.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msahħħah bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħħa l-oħra (ĠU L 23, 26.1.2018, p. 1).

f'konformità mal-Artikolu 339(1) u (2) tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat ta' Sħubija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*